MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-1 ta' April, 2003

Numru. 719/2001

PULIZIJA
SPETTUR DAVID SALIBA
SPETTUR NEVILLE XUEREB
VS
MAURIZIO MASSIMILIANO

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Maurizio Massimiliano ta’37 sena bin Giovanni u Luiga Delli Colli imwieled l-Italia fit-28 ta’ Novembru 1964 u li mghandhux indirizz fiss  izda kien joqghod 40, Flat Y, Spinola Road, San Giljan nru tal-ID Card 11464A talli fit-22 Novembru 2001 fi Triq San Gorg, San Giljan ghal habta ta’ 3.20pm ikkommetta serq ta’ flus mill-hanut bl-isem Rose and Lilly ghad-dannu ta’ Maria Perrett liema serq huwa aggravat bil-vjolenza, u mezz.

Talli fl-istess ,data, hin, lok u cirkostanzi bla ordni skond il-ligi ta’ l-atorita kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom

taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta u zamm jew issekwestra lil xi persuna u cioe lil Mary Perrett u lil Joelene Perrett, persuna ta' tmien snin, kontra l-volonta taghhom jew ta' post biex fih dawn il-persuni jigu arrestati u mizmuma jew issekwestrati.

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari.

Talli huwa jinsab ricediv b'diversi sentenzi liema sentenzi huma definittivi u li jistghux jigu imhassra.

Talli huwa ricediv u kiser il-provediment ta' zewg probations li inghataw fit-13 ta' Gunju 2000 kif wkoll 18 ta' Mejju 2001.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-artikoli elenkati mil-Avukat Generali taht liema artikoli din il-Qorti tista ssib il-htija fl-imputat.

Rat il-verbal tas-26 ta' Lulju 2002 fejn l-imputat ma sabx oggezjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti.

Rat ir-rikors tad-difiza tas-7 ta' Frar 2003 u r-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija u id-digriet taghha tal-24 ta' Frat 2003 fejn il-Qorti cahdet it-talba tal-imputat ghal "pre-sentencing report" ghar-ragunijiet hemm elenkati.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda tal-prosekuzzjoni jirrizulta illi l-ispettur David Saliba kien gie infurmat illi fid-data, lok u hin citat fl-akkuza kienet twettqet "hold up" fil-hanut Rose and Lily, Triq San Gorg, Paceville.

L-Ispettur Saliba (ara xhieda fol 10 et seq) kellem lil Maria Perrett li kienet fil-bar in kwistjoni u gie infurmat minnha illi kienet dahlet persuna ta’ nazzjonalita taljana bil-helmet f’rasu, mar fuqha b’xi arma f’idejh u talabha l-flus. Hija dak il-hin hasbitha cajta izda din il-persuna mar fuq il-counter fetah il-kexxun tal-cash u hadilha Lm30. Fil-hanut kien hemm in-neputija taghha Joelene ta’ tminn snin. Perrett qalet illi kif harget barra din il-persuna, Perrett harget tigri warajh, izda din il-persuna lahqet telqet bil-mutur u Perrett ma lahqitx hadietlu in-numru.

Peress illi Perrett kienet taf lil din il-persuna, il-pulizija gabret lill-imputat u interrogatu. Ghal-ewwel ta’ rakkont li kien id-dar ma xi hbieb u innega li kien ghadu bil-vizzju tad-droga izda sussegwentement ddecieda li jghid il-verita fl-istqarrija ppresentata bhala dok DS.

Mitlub jghid x’arma kellu, l-imputat qal illi uza “conduit” tal-“plastic” b’”masking tape” biex jaghmlu forma ta’ pistola.

Spettur Saliba kompla jixhed u qal illi meta arresta lill-imputat, huwa kellu helmet ta’ tip deskritta minn Perrett u n-neputija taghha Joelene.

PS336 Antoine Schembri kkonferma illi huwa kien xhud tal-istqarrija dok DS (ara fol. 25-26).

Spettur Raymond D’Anastasi kkonferma r-rapport tal-pulizija fl-inkjesta (ara fol 27-28).

PS165 xhed illi huwa kien acceda f’hanut Rose and Lily u kellem lil sid il-post li taghtu deskrizzjoni tal-lbies, u il-helmet tal-persuna li kienet wettqet il-hold-up. Qal illi sid il-post baqghet tinsisti li taf il-persuna ghax kien klijent tal-hanut.

Maria Perrett a fol 31 xhedet illi hija proprjetarja tal-hanut Rose and Lily St George’s Road St Julians u li fil-gurnata in kwistjoni kienet il-hanut man-neputija taghha meta dahlet persuna li qaltilha “Tini l-flus!”. Perrett wegbietu “Mela mghandekx x’taghmel?” ghaliex gharfietu mal-ewwel. Pero din il-persuna li kellu helmet f’rasu, hareg

revolver qabadha minn spallejha, kaxkara wara il-bank u ha l-flus mill-kexxun, u telaq jigri l-barra. Hija harget tigri warajh, ippruvat tinbuttah minn fuq il-lambretta izda inutilment.

Xehdet illi hija gharfietu  mill-vuci  ghaliex hija kienet tafu lill-imputat (ara fol 34).

Perrett xehdet (fol 35) illi hija gharfet lill-imputat wkoll mill-“build” tieghu (l-imputat ghandu statura twila u mibni sew).

Joelene Perrett xehdet illi hija kienet il-hanut tiekol xi haga ma ommha meta dahal ragel u qalilha “Tini l-flus, Tini l-flus”. Imbaghad hareg revolver, qabadha minn idha u kaxkarha wara l-bank. Joelene xhedet illi kienet taf lil din il-persuna ghaliex kienet tilghab mat-tifel tieghu. Joelene gharfet lill-imputat bhala l-persuna li wettaq il-hold up (ara fol 40).

Xehdet li kien liebes qalziet jeans iswed u flokk bil-gakketta kannella u f’rasu kellu helmet sewda bil-blue u rosa. Murija l-crash helmet (dok DS2) Joelene gharfietha. Xhedet illi r-revolver kien twil sitt pulzieri. Xhedet illi din il-persuna m’ghamlitiliex hsara la lilha u l-anqas lill-ommha izda din wegghet biss meta marret tipprova timbotta lill-imputat minn fuq il-mutur u zelqet.

Robert Bonello (fol 43) li ghandu hanut zewg kantunieri il-boghod minn Rose and Lily Bar u huwa neputi ta’ Perrett. Dan xehed illi l-imputat kien bil-mutur tieghu, lambretta griza, nuccali tax-xemx bil-hgieg isfar quddiem il-hanut tieghu ftit minuti qabel ma sehh il-hold up fil-Rose and Lily. Inoltre l-imputat kien pparkja l-mutur ezatt quddiem l-istabbiliment ta’ Bonello. Bonello gharaf lill-imputat u xhed li kien jafu qabel ghaliex ta’ sikwit jkun fl-inhawi u ghaliex l-imputat kien seraq lil zijuh.

WPS85 Cassar xhedet li l-imputat m’ghandux licenzja biex jzomm jew jgorr arma tan-nar.

Gew esebiti diversi sentenzi (Dok DS5 sa 8 a fol 65-80) fil-konfront tal-imputat.

PS336 Schembri kkonferma li kien xhud tal-istqarrija.

Gew mahlufa r-relazzjonijiet tal-esperti u Maria Perrett u Joelene kif wkoll Bonello kkonfermaw ix-xhieda li taw quddiem l-espert nominat fl-inkjesta (fol 117-124).

PS61 Calleja esebixxa l-okkorrenza tar-rapport li kienet ghamlet Perrett wara il-hold up (fol 112).

Rat il-verbal tad-difiza a fol 127 fejn esentat lill-prosekuzzjoni milli tipproduci ix-xhieda tal-identita dwar is-sentenzi u accettat tali sentenzi bhala moghtija fil-konfront tal-imputat.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda fuq imsemmija ma hemm ebda xrara ta’ dubbju illi kien l-imputat li wettaq dan il-hold up, liema hold up twettaq spitrtu pront bla ebda preparamenti jew hsieb fit-tul.

Dan qieghed jinghad mhux biss ghaliex l-imputat gie identifikat mit-tlett xhieda okkulari bla ebda tlaqliq, mhux biss ghaliex l-imputat ddecieda li jwettaq hold up fuq nies li maghhom kien maghruf sew u mill-vicin, izda ghaliex l-istqarrija tieghu a fol 18 u 19 kienet ammissjoni piena ta’ dak kollu li ghamel.

Illi dan il-“hold up” fjask tal-imputat – li twettaq minghajr pjan sodd b’arma maghmula minn pajpijiet tal-plastic, ma nies maghrufa sew mal-imputat u ghall profitt ta’ Lm30 -, juri b’mod lampanti illi l-imputat wettaq dan ir-reat f’fernezija ta’ “withdrawal symptoms” halli jakkwista xi haga tal-flus ghal doza ta’ droga sabiex jfieq.

Illi l-passat tal-imputat juri li huwa wahdu mhuwiex kapaci jikkompleta programm ta’ riabilitazzjoni kontra d-droga u din il-Qorti hi tal-fehma li dan jista jsir biss minn hdan il-Habs.

Illi ghal dawn il-motivi il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza, bit-tieni akkuza assorbita fl-ewwel akkuza. Rat Artikoli 261(a)(b), 262, 263, 264, 265, 266, 276, 277, 278, 49, 50, 289, 86, 87 tal-kap 9 Art 3, 9, 19, u 26 tal-kap 66, Art 5, 9, u 10 tal-kap 152 u tikkundannah ghal sentejn prigunerija li minnhom ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-imputat ghamel f'arrest preventiv. Din il-Qorti tirrakomanda lill-imputat jaghmel prgoramm ta' riabilitazzjoni kontra d-droga minn hdan il-Habs.

In oltre din il-Qorti tichad it-talba tal-prosekuzzjoni ghal hrug ta' ordni ta' tkeccija minn dawn il-gzejjer kontra l-imputat stante illi l-imputat mizzewweg mara maltija u ghalkemm separat minnha, ghandu tifel minuri.

MAGISTRAT
MARICA CARUANA
DEP.REG.

--------------------------------TMIEM--------------------------------